# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

### tas-27 ta' Mejju 2013

### dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE dwar il-qafas finanzjarju multiannwali għall-perjodu 2014 sa 2020 tal-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra

(2013/257/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 209(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu u l-proċeduri li għandhom ikunu segwiti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 1 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 [2], kif emendat fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 [3] u f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010 [4] ("il-Ftehim AKP-UE") jipprovdi għall-adozzjoni ta' protokolli finanzjarji għal kull perjodu ta' ħames snin.

(2) L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, f'konformità mal-Artikolu 7 tal-Anness Ib tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, flimkien mal-Istati tal-AKP, wettqu reviżjoni tal-prestazzjoni, li fost l-oħrajn tivvaluta l-grad ta' twettiq tal-impenji u l-iżborżamenti.

(3) Fit-8 ta' Frar 2013, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha qablu dwar it-twaqqif tal-mekkaniżmu ta' finanzjament, jiġifieri, il-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp ("FEŻ"), il-perjodu eżatt li għandu jiġi kopert (2014-2020), u l-ammont ta' fondi li għandhom jiġu allokati għal dan il-mekkaniżmu.

(4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE dwar il-qafas finanzjarju multiannwali għall-perjodu 2014 sa 2020 tal-Ftehim ta' Sħubija,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Ministri tal-AKP-UE rigward il-protokoll dwar il-qafas finanzjarju multiannwali għall-perjodu 2014-2020, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Wara l-adozzjoni tagħha, id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Mejju 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

---

[1] ĠU L 317, 15.12.2000, p. 376.
[2] ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3. Ftehimiet kif rettifikati bi ĠU L 385, 29.12.2004, p. 88.
[3] ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27.
[4] ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3.

*ABBOZZ*

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL TAL-MINISTRI TAL-AKP-UE**

**ta'**

**li tadotta protokoll dwar il-qafas finanzjarju multiannwali għall-perjodu 2014-2020 taħt il-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku min-naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-MINISTRI TAL-AKP-UE

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 ([1]) kif emendat fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 ([2]) u f'Ouagadougo u fit-22 ta' Ġunju 2010 ([3]) ("il-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE"), u partikolarment l-Artikolu 95(2) u 100 tiegħu,

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha flimkien mal-Istati tal-AKP wettqu reviżjoni tal-prestazzjoni, skont l-Artikolu 7 għall-Anness Ib tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, li fost l-oħrajn tivvaluta l-grad ta' twettiq tal-impenji u l-iżborżamenti.

(2) L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha qablu li jistabbilixxu l-mekkaniżmu ta' finanzjament, jiġifieri, il-11-il FEŻ, il-perjodu eżatt li għandu jiġi kopert (2014-2020), u l-ammont ta' fondi li għandhom jiġu allokati għal dan il-mekkaniżmu.

(3) Il-protokoll li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għall-perjodu 2014-2020 għandu jiddaħħal fil-Ftehim bħala Anness Ic.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness għal din id-Deċiżjoni għandu jiġi adottat bħala Anness Iċ ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku min-naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, kif rivedut fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 u f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell […], […]

*Għall-Kunsill tal-Ministri tal-AKP-UE*
*Il-President*

([1]) ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3. Ftehim kif rettifikat permezz ta' ĠU L 385,29.12.2004, p. 88.
([2]) ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27.
([3]) ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3

*ANNESS*

L-Anness li ġej għandu jiddaħħal fil-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE:

*"ANNESS Ic*

Qafas finanzjarju multiannwali għall-perjodu 2014 - 2020

1. Għall-finijiet stabbiliti f'dan il-Ftehim u għal perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar 2014, l-ammont globali ta' assistenza finanzjarja disponibbli għall-Istati tal-AKP fi ħdan dan il-qafas finanzjarju multiannwali għandu jkun ta' EUR 31 589 miljun, kif speċifikat fil-punti 2 u 3.

2. L-ammont ta' EUR 29 089 miljun taħt il-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ), għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni mad-dħul fis-seħħ tal-qafas finanzjarju multiannwali. Dan l-ammont għandu jiġi allokat bejn l-istrumenti ta' kooperazzjoni kif ġej:

   (a) EUR 24 365 miljun għall-finanzjament tal-programmi indikattivi nazzjonali u reġjonali. Din l-allokazzjoni se tintuża biex tiffinanzja:

      (i) il-programmi indikattivi nazzjonali tal-Istati individwali tal-AKP;

      (ii) il-programmi indikattivi reġjonali ta' appoġġ għall-kooperazzjoni u l-integrazzjoni reġjonali u interreġjonali tal-Grupp ta' Stati tal-AKP;

   (b) EUR 3 590 miljun għall-finanzjament tal-kooperazzjonji intra-AKP u interreġjonali ma' ħafna mill-Istati tal-AKP jew għal dawn l-Istati kollha. Dan il-pakkett jista' jinkludi appoġġ strutturali għall-istituzzjonijiet u l-korpi maħluqa skont dan il-Ftehim. Għandu jkopri wkoll l-assistenza għall-infiq operattiv tas-Segretarjat tal-AKP imsemmi fil-punti 1 u 2 tal-Protokoll Nru 1 'dwar in-nefqa operattiva tal-istituzzjonijiet konġunti';

   (c) EUR 1 134 miljun għall-finanzjament tal-Faċilità ta' Investiment skont it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness II (Termini u kundizzjonijiet ta' finanzjament) għal dan il-Ftehim, li jinkludu kontribut addizzjonali ta' EUR 500 miljun għar-riżorsi tal-Faċilità ta' Investiment, ġestita bħala fond li jiġġedded, u EUR 634 miljun fil-forma ta' għotjiet għall-finanzjament tas-sussidji fuq ir-rata ta' imgħax u tal-assistenza teknika relatata ma' proġetti, imsemmija fl-Artikoli 1, 2 u 4 ta' dan l-Anness fuq il-perjodu tal-11-il FEŻ.

3. L-operazzjonijiet iffinanzjati permezz tal-Faċilità ta' Investiment, inklużi s-sussidji għar-rata ta' imgħax korrispondenti, għandhom jiġu amministrati mill-Bank Ewropew għall-Investiment (BEI). Ammont sa EUR 2 500 miljun flimkien mal-fondi disponibbli mill-11-il FEŻ għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni mill-BEI fil-forma ta' self mir-riżorsi proprji. Dawn ir-riżorsi għandhom jingħataw għall-finijiet stabbiliti fl-Anness II ta' dan il-Ftehim, b'konformità mal-kundizzjonijiet previsti fl-istatuti tal-BEI u mad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-termini u l-kundizzjonijiet għall-finanzjament tal-investimenti ta' dak l-Anness. Ir-riżorsi finanzjarji l-oħrajn kollha ta' dan il-qafas finanzjarju multiannwali għandhom ikunu amministrati mill-Kummissjoni.

4. Wara l-31 ta' Diċembru 2013 jew wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-qafas finanzjarju multiannwali, liema waħda minn dawn id-dati tkun l-aktar tard, il-bilanċi mill-għaxar (10) FEŻ jew minn FEŻ preċedenti u fondi diżimpenjati minn proġetti taħt dawn l-FEŻ, m'għandhomx ikunu impenjati aktar, sakemm il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ma jiddeċidix mod ieħor b'unanimità, bl-eċċezzjoni tal-bilanċi li jifdal u r-rimborżi tal-ammonti allokati għall-finanzjament tal-Faċilità ta' Investiment, esklużi s-sussidji tar-rata ta' imgħax relatati, u l-bilanċi li jifdal mis-sistema mmirata biex tiggarantixxi l-istabbiltà tad-dħul mill-esportazzjoni ta' prodotti bażiċi agrikoli (STABEX - Système de Stabilisation des Recettes d'Exportation) skont il-FEŻ qabel id-disa' (9) FEŻ.

5. L-ammont globali ta' dan il-qafas finanzjarju multiannwali għandu jkopri l-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020. Il-fondi tal-11-il FEŻ, u fil-każ tal-Faċilità ta' Investiment, il-fondi li ġejjin minn fluss mill-ġdid, m'għandhomx jiġu impenjati aktar wara l-31 ta' Diċembru 2020, sakemm il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ma jiddeċidix mod ieħor b'unanimità, fuq proposta mill-Kummissjoni. Madanakollu, il-fondi sottoskritti mill-Istati Membri taħt id-9, l-10 u l-11 FEŻ għall-finanzjament tal-Faċilitajiet tal-Investiment għandhom ikunu disponibbli wara l-31 ta' Diċembru 2020 għall-iżburżament.

6. Il-Kumitat tal-Ambaxxaturi, f'isem il-Kunsill tal-Ministri tal-AKP-UE, jista' jieħu l-miżuri xierqa, fil-limiti tal-ammont globali tal-qafas finanzjarju multiannwali, sabiex jilħaq ir-rekwiżiti ta' programmazzjoni taħt waħda mill-allokazzjonijiet previsti fil-punt 2, inkluż it-tqassim mill-ġdid ta' fondi bejn dawn l-allokazzjonijiet.

7. Il-Partijiet jistgħu jiddeċiedu li jwettqu evalwazzjoni tal-prestazzjoni, li tivvaluta l-grad ta' twettiq tal-impenji u l-iżborżamenti, kif ukoll ir-riżultati u l-impatt tal-għajnuna mogħtija. Din ir-reviżjoni titwettaq fuq il-bażi ta' proposta mħejjija mill-Kummissjoni.

8. Kull Stat Membru jista' jipprovdi lill-Kummissjoni jew lill-BEI b'kontribuzzjonijiet volontarji biex jappoġġja l-għanijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE. L-Istati Membri jistgħu wkoll jikkofinanzjaw proġetti jew programmi, pereżempju fil-qafas ta' inizjattivi speċifiċi li għandhom ikunu amministrati mill-Kummissjoni jew l-BEI. Għandha tiġi garantita l-appartenenza AKP fuq il-livell nazzjonali ta' tali inizjattivi."